MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2023

Appell Inferjuri Numru 295/2020 LM

**Makaw Limited (C8250)**
*('is-soċjetà appellata')*

***vs.***

**Swell Developments Limited (C 87533)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Swell Developments Limited (C 87533)**, hawnhekk 'is-soċjetà appellanta', minn deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] tal-4 ta' Lulju, 2022, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] li permezz tagħha t-Tribunal laqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti **Makaw Limited (C8250)**, hawnhekk is-soċjetà appellata, u kkundanna lis-soċjetà intimata tħallasha s-somma ta' €2,842.55, bl-

imgħax mit-28 ta' Frar, 2020 sad-data tal-ħlas effettiv, bl-ispejjeż kollha ta' dawk il-proċeduri u tal-ittra uffiċjali numru 1904/20 u tal-mandat numru 1307/2020, kontra s-soċjetà intimata.

**Fatti**

2. Is-soċjetà rikorrenti fetħet proċeduri quddiem it-Tribunal fejn spjegat li hija toffri servizzi ta' armar u kiri ta' *scaffolding.* Qalet li s-soċjetà intimata kienet ingaġġatha sabiex tinstalla *scaffolding* f'fond fejn is-soċjetà intimata kellha tagħmel xi xogħlijiet, abbażi ta' stima maħruġa minnha u abbażi ta' għadd ta' kundizzjonijiet maqbula bejn il-partijiet. Is-soċjetà rikorrenti qalet li s-soċjetà intimata hija debitriċi tagħha fl-ammont ta' €2,842.55, bilanċ minn somma akbar dovuta għall-kiri tal-*iscaffolding,* u minkejja li s-soċjetà intimata ġiet interpellata diversi drabi sabiex tissalda l-ammont dovut minnha, din baqgħet inadempjenti. Kien għalhekk li s-soċjetà rikorrenti talbet lit-Tribunal jikkundanna lis-soċjetà intimata tħallasha l-ammont ta' €2,842.55, bilanċ minn somma akbar, bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

**Mertu**

3. Is-soċjetà intimata wieġbet li t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u mhuwiex minnu li hija għandha tħallas l-ammont mitlub mis-soċjetà rikorrenti. Qalet li kienet is-soċjetà rikorrenti li naqset li tesegwixxi l-obbligi tagħha fil-konfront tas-soċjetà intimata, bil-konsegwenza li s-soċjetà intimata sofriet danni. Is-soċjetà intimata eċċepiet ukoll li minkejja l-isforzi li saru min-naħa tagħha sabiex tippreserva r-relazzjonijiet tajba mas-soċjetà rikorrenti, u tevita li tiftaħ proċeduri kontra tagħha ulterjorment, is-

soċjetà rikorrenti rrifjutat il-proposti tagħha mingħajr raġuni valida. Is-soċjetà intimata qalet li għalhekk hija qegħda tirriserva l-jedd li tipproċedi kontra s-soċjetà rikorrenti fi proċeduri separati.

4. **André Camilleri**, *manager* mas-soċjetà rikorrenti, fl-affidavit tiegħu spjega li s-soċjetà rikorrenti tipprovdi servizzi ta' kiri ta' *scaffolding,* fost servizzi oħra. Qal li s-soċjetà intimata kienet avviċinathom permezz tal-Perit Patrick Grixti Soler, sabiex tikri *scaffolding* għal xi xogħol li kienet qegħda tagħmel, u huwa kien ħareġ *quote* għax-xogħol rikjest, liema *quote* ġiet aċċettata mill-esponenti tas-soċjetà intimata. Ix-xhud kompla jgħid li s-soċjetà intimata kienet aċċettat il-kundizzjonijiet kollha tas-soċjetà rikorrenti, billi aċċettat il-prezz mogħti u ffirmat il-ftehim. Qal ukoll li l-intimata ntalbet tħallas 25% tal-prezz mitlub bil-quddiem. Ix-xhud qal li s-soċjetà rikorrenti bdiet ix-xogħol u lestiet l-ewwel fażi tal-installazzjoni tal-*iscaffolding* skont il-*quote* maħruġa, u nħareġ anki ċertifikat tal-inġinier għal dan ix-xogħol, li ngħata lis-soċjetà intimata. Ix-xhud qal li fil-25 ta' Novembru, 2019, huwa bagħat *email* lis-soċjetà intimata fejn infurmaha li ż-żmien miftiehem ta' tmienja u għoxrin ġurnata kienu għaddew, u li għalhekk bdew japplikaw ir-rati tal-*overrun rate* kif miftiehem bejn il-partijiet. Ix-xhud kompla jgħid li fl-4 ta' Diċembru, 2019 huwa reġa' bagħat *email* lis-soċjetà intimata bit-tielet ċertifikazzjoni tal-inġinier, kif ukoll *invoice* għall-ħlas tal-bilanċ rimanenti għax-xogħol, fejn il-klijent ġie infurmat li l-*overrun rate* kienet ser tapplika għall-ġranet li l-klijent xtaq li jżomm l-i*scaffolding* armat fuq is-sit tiegħu, u dan dejjem skont il-ftehim bejn il-partijiet. Ix-xhud qal ukoll li fil-21 ta' Marzu, 2020, il-klijent beda jilmenta dwar l-*invoices* maħruġa wara li huwa kien bagħat ifakkru dwar il-ħlas għas-servizzi reżi, u fejn huwa infurmah li l-ħlasijiet mitluba mis-soċjetà rikorrenti kienu kollha skont il-

kuntratt iffirmat bejn il-partijiet, u skont l-istima tax-xogħol maħruġa. Qal li l-klijent qatt ma kkontesta l-*invoices* qabel, u kien biss meta huwa beda jinsisti għall-ħlas li l-klijent beda jilmenta dwar il-mod ta' kif ġie *invoiced,* u beda jippretendi li jaqta' ħlas dovut għall-iskart li tħalla fuq il-bejt, u għall-allegati ħsarat imwettqa mill-ħaddiema tas-soċjetà rikorrenti. Ix-xhud qal li s-soċjetà rikorrenti qatt ma ġiet infurmata b'dawn l-allegati ħsarat qabel, u skont il-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet il-klijent kellu żmien 36 siegħa minn meta jinduna bil-ħsarat biex jinforma lis-soċjetà rikorrenti. Ix-xhud qal li għalhekk il-bilanċ ta' €2,842.55 pretiż mis-soċjetà rikorrenti għadu dovut.

5. **Il-Perit Patrick Grixti Soler** għan-nom tas-soċjetà intimata, fl-affidavit tiegħu qal li s-soċjetà rikorrenti kienet bagħtet *quotation* fl-20 ta' Settembru, 2019, fejn kien stmat li għas-servizzi mitluba l-ħlas kellu jkun ta' €5,428. Qal li dan l-ammont kien ammont ridott minn stima oħra maħruġa mill-istess soċjetà, li kienet tammonta għal €9,038. Ix-xhud qal li l-installazzjoni in kwistjoni kellha tiġi armata fuq il-bejt ta' terzi, biex tkopri l-appoġġ mikxuf fejn inbniet estensjoni ta' appartament u *penthouse* fil-fond numru 40, Tigné Sea Front, Sliema. Ix-xhud qal li fil-ġurnata meta kellhom jinġarru l-elementi tal-*iscaffolding* biex jittellgħu fuq il-bejt tal-imsemmi fond, is-soċjetà rikorrenti naqset li tittrasporta l-i*scaffolding* kollu. Qal li meta sar tentattiv l-għada biex jittella' l-kumplament tal-i*scaffolding,* esponenti tal-*Owners' Association* tal-fond fejn kellu jitpoġġa l-i*scaffolding,* ma ridux iħallu din it-tieni konsenja ta' apparat fuq il-bejt tagħha minħabba fl-iskumdità li kienet inħolqot, u qal li għalhekk l-armar tal-i*scaffolding* kellu jsir f'żewġ fażijiet. Qal ukoll li l-installazzjoni fil-bitħa interna kienet parti mill-ftehim oriġinali milħuq bejn il-partijiet, iżda huwa ġie sfurzat iħallas somma addizzjonali ta' €1,180, għaliex

altrimenti s-soċjetà rikorrenti kienet ser tħalli din l-installazzjoni barra. Ix-xhud qal li ċ-ċertifikat tal-inġinier dwar dan l-armar tal-i*scaffolding* sar fit-13 ta' Jannar, 2020, u kien validu għal tletin ġurnata, sal-11 ta' Frar, 2020, u l-i*scaffolding* iżżarma fil-15 ta' Marzu, 2020. Qal ukoll li s-soċjetà rikorrenti kienet infurmatu li ma kinitx ser iżżomm ħlas għax-xahar ta' Marzu 2020.

6. **André Camilleri**, *general manager* tas-soċjetà rikorrenti, xehed li huwa ma jiftakarx jekk kienx ħareġ żewġ *quotations,* waħda b'ammont sostanzjali u oħra b'ammont ridott. Qal biss li l-partijiet leħqu ftehim dwar il-*quotation* li abbażi tagħha qiegħed jintalab il-ħlas. Ix-xhud qal ukoll li skont il-ftehim milħuq bejn il-partijiet, il-*hoisting* tal-apparat kellu jsir kollu mill-klijent, u huwa kellu struzzjonijiet mingħand il-Perit Grixti Soler sabiex ix-xogħol jinqasam f'żewġ fażijiet. Ix-xhud qal li l-materjal ġie kkonsenjat fil-post miftiehem, iżda kien il-klijent li ma setax jaċċetta l-ordni. Ix-xhud qal li sakemm tlestew ix-xogħlijiet qatt ma kien hemm ilmenti dwar l-*invoices,* u l-kwistjoni bejn il-partijiet qamet madwar sentejn wara. Qal li kien biss wara li tlesta x-xogħol, tneħħa l-materjal u l-klijent kien moqdi, li dan irrifjuta li jħallas.

7. Xehed ukoll il-**Perit Grixti Soler** li qal li huwa qiegħed jippretendi ħlas għal ħsarat sofferti minnu minħabba f'dan il-proġett. Qal li kien hemm partijiet mill-ħajt li tħallew bit-toqob fihom meta tneħħa l-i*scaffolding,* u kien hemm ħsara oħra fix-xibka. Għad-domanda li saritlu dwar jekk kienx jaf li l-ħsara kkawżata minn toqob fl-*anchor points* kellu jagħmel tajjeb għaliha hu bħala l-klijent, ix-xhud qal li kien hemm diversi *anchor points,* u huwa ma setax jilħaq dawk li saru mal-ħitan. Ix-xhud qal li dawk it-toqob kellhom jissewwew waqt li kien qiegħed jiġi żarmat l-i*scaffolding,* għaliex mhux possibbli għalih li jerġa' jitla' ammont ta'

sulari biex isodd it-toqob kollha li tħallew. Ix-xhud qal ukoll li huwa kien oġġezzjona meta s-soċjetà rikorrenti ma kinitx sejra tikkonsenja l-materjal kollu f'darba, għaliex huwa kien ser ikollu bżonn jerġa' jġib krejn. Ix-xhud allega li l-konsenja ma saritx f'darba għaliex is-soċjetà rikorrenti ma kellhiex biżżejjed trakkijiet biex taħdem. Qal li l-ftehim kien li l-*iscaffolding* jintrama mat-tul tal-bini kollu, iżda s-soċjetà rikorrenti ħadet biss parti mill-materjal li kellu jintrama fuq il-post. Spjega li minkejja li l-ftehim kien li fi tletin ġurnata x-xogħol kellu jkun lest min-naħa tiegħu, ladarba l-armar tal-*iscaffolding* inqasam f'żewġ partijiet, huwa kellu bżonn tletin ġurnata u tletin ġurnata ulterjuri biex ilesti x-xogħol. Qal ukoll li l-ġirien tal-proġett kienu rritati bil-fatt li l-konsenja tal-materjal ma saritx f'darba.

**Is-Sentenza Appellata**

8. Permezz tas-sentenza mogħtija fl-4 ta' Lulju, 2022, it-Tribunal iddeċieda l-vertenza li kellu quddiemu billi laqa' t-talbiet tal-attur u kkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ammont pretiż ta' €2,843.55, bl-imgħax mit-28 ta' Frar, 2020 sad-data tal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż kollha tal-proċeduri, inkluż l-ittra uffiċjali numru 1904/20 u l-mandat numru 1307/20, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"It-Tribunal;*
>
> *Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat nhar l-20 ta' Novembru, 2020 fejn intalab sabiex is-soċjetà konvenuta tiġi kkundannata tħallas l-ammont ta' elfejn, tmien mija u tnejn u erbgħin euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€2,842.55), rappreżentanti bilanċ minn somma akbar dovuta fuq kera ta'* scaffolding*, wara li s-soċjetà konvenuta kienet ingaġġat lis-soċjetà esponenti tinstalla* scaffolding *ġewwa fond fejn kienet qiegħda tagħmel xogħol u dan abbażi ta' stima (Dok. A) u kondizzjonijiet (Dok. B). Minkejja diversi interprellanzi s-soċjetà konvenuta baqgħet inadempjenti u b'hekk kellha ssir il-*

*kawża fejn qiegħed jintalab ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet mid-data tat-28 ta' Frar, 2020, inkluż spejjeż tal-ittra uffiċjali numru 1904/2020 u mandat numru 1307/2020.*

*Ra r-risposta datata 17 ta' Diċembru, 2020, fejn is-soċjetà konvenuta qalet illi t-talbiet tas-soċjetà attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom peress illi mhux minnu li għandha tħallas l-ammont mitlub għax is-soċjetà attriċi kienet naqset li tesegwixxi l-obbligi tagħha bil-konsegwenza li kkaġunat danni lis-soċjetà konvenuta. Illi minkejja li kienu saru tentattivi mingħajr preġudizzju, is-soċjetà attriċi rrifjutat dak propost u għażlet li tipproċedi u għalhekk kienu qegħdin jirriservaw illi jipproċedu huma stess kontra s-soċjetà attriċi fi proċeduri separati.*

*Ra l-affidavit ta' Andre Camilleri, ippreżentat fis-7 ta' April, 2021 flimkien mad-dokumenti annessi. Hu jgħid illi hu manager tas-soċjetà attriċi u kien ġie avviċinat minn Patrick Grixti Soler f'isem Swell Developments Ltd sabiex jikri* scaffolding *u kien ħareġ quote li kien ġie aċċettat skont email immarkat Dok. 1 u ġie ffirmat ftehim immarkat bħala Dok. 2 sa Dok. 4 u intbagħat* invoice *immarkat Dok. 5. Makaw Ltd beda x-xogħol u nħareġ* engineer's certificates *li ntbagħtu bl-email u saru diversi emails fejn intalab li jitħallas stante li l-is*caffolding *kien qiegħed jinżamm armat. Wara ftit xhur il-klijent beda jikkontesta l-*invoices *u ried jaqta' xi ħsarat għall-iskart li tħalla fuq il-bejt u allegat ħsarat li skonthu saru mill-ħaddiema tas-soċjetà attriċi, iżda qatt ma kien sar ilment dwar dan qabel. Skont il-*Conditions of Agreement *(Dok 3) huwa kellu jinforma lis-soċjetà attriċi fi żmien 36 siegħa minn meta jinduna bil-ħsarat. L-ammont ta' €2,842.55 kien għadu dovut bħala bilanċ minn somma akbar.*

*Ra l-affidavit ippreżentat minn Patrick Grixti Soler, direttur ta' Swell Developments Ltd, li kkonferma li kien qabbad lil Makaw Ltd biex jarmaw* scaffolding *mal-appoġġ bejn blokka numru 40 u 41, f'Tigne Sea Front, Sliema. Hu kien irċieva quote mingħand Makaw Ltd fl-20 ta' Ottubru, 2019, li kien jammonta għal €5,428 (dok. 1) li kienet irrevediet quote li kienet fl-ammont ta' €9,038, biex taqbel ma' quote maħruġ minn Matrix Scaffolding (Dok. 3). Fil-ġurnata meta Makaw Ltd marru bl-is*caffolding *li kellhom itellgħu fuq il-bejt, Makaw Ltd ma kinitx ħadet l-is*caffolding *kollu u meta marru l-għada biex itellgħu l-kumplament l-Owners Associaton ta' no. 40, Tigne Seafront ma riditx tħallihom itellgħuhom minħabba l-iskumdità li nħoloq. B'hekk l-is*caffolding *kellu jsir f'żewġ sezzjonijiet. Fid-29 ta' Ottubru, 2019 irċieva ċertifikat tal-inġinier li l-is*caffolding *kien lest biex jintuża (Dok. 4) u fid-29 ta' Novembru, 2019 Makaw ġie mitlub imexxi għat-tieni sezzjoni u għalhekk il-perijodu ġie maqbuż b'ġurnata (Dok. 5). Fl-4 ta' Diċembru, 2019 irċieva ċertifikat tal-inġinier li l-is*caffolding *kien lest biex jintuża (Dok. 6) u fid-29 ta' Novembru, 2019 Makaw ġie mitlub biex iżarma l-is*caffolding *qabel l-aħħar ta' Diċembru, 2019. Sar installazzjoni fil-bitħa interna li kien aċċetta li jħallas l-ammont ta' 1,180 skont ftehim fis-6 ta' Jannar, 2020*

*(Dok. 8), iċ-ċertifikat tal-inġinier intbagħat fit-13 ta' Jannar, 2020 (Dok. 9) u l-*iscaffolding *ġie żarmat fil-15 ta' Marzu, 2020 u Makaw kienu qalu li ma kinux ser iżommulu tax-xahar ta' Marzu 2020. Hu naqqas ukoll l-ammont ta' €400 minħabba d-debris li tħalla fuq il-bejt u għax sgassaw il-bieb tal-bejt.*

*Fil-kontro-eżami Andre Camilleri qal illi hu ma jiftakarx jekk kienx ħareġ quote u irrevedieh, imma jaf illi l-quote li kien ġie maqbul, kien dak li kien ippreżenta mal-affidavit. Hu ċaħad illi* delivery *tal-i*scaffolding *kellu jsir f'darba u b'referenza għal Dok. 1 li tinsab a fol. 29 li Swell Ltd kien talab sabiex l-*equipment *kollu kellu jittella', hu wieġeb illi fost il-kondizzjonijiet u Dok. 4 li jinsab a fol. 34, kien hemm illi l-permessi kellu jieħu ħsiebhom il-klijent* (hoisting of all materials*) u ma kien hemm ebda ftehim dwar kemm il-darba kellhom isiru* deliveries *u kien qed jirreferi għal materjal* in relation to phase 1*. Ma sarx* delivery *f'darba għax il-konvenut kellu* airspace *fuq is-sit fejn kien hemm problema mal-ġirien għax ma kellux il-kunsens tagħhom. Kien hemm ukoll ftehim mal-Perit Grixti Soler li x-xogħlijiet kellhom jinqasmu f'żewġ fażijiet u hu kellu jieħu ħsieb il-permessi tal-kunsill u tar-residenti. Dakinhar ħa l-materjal kollu fuq it-truck u l-klijent stess waqqfu milli jtella' kollox u mar lura b'parti mix-xogħol, għax kienet inqalgħet kwistjoni mal-ġirien għax ma kinux infurmati li kien ser isir ix-xogħol u beżgħu li s-saqaf ma felaħx għat-toqol tal-i*scaffolding*. Hu ma ftakarx jekk marx l-għada u ma ftakarx kemm il-darba mar bid-*deliveries*. Huma kienu ħarġu ittra uffiċjali għal pagament u l-Perit kien irrisponda. Fir-rieżami hu qal illi qatt ma kien hemm xi* claim *minn Swell Ltd dwar xi ħsarat jew xi* invoice *u l-kwistjoni qamet żmien sew wara li kien ilu li tlesta x-xogħol, meta beda jitlob il-ħlas. B'referenza għall-fol. 56 fejn il-Perit Grixti Soler qal illi kellu jħallas €108, qatt ma kien irċevihom u lanqas kien naqaslu xi ammont għal ġranet addizzjonali f'Marzu. F'każ illi kien hemm xi ħsara skont klawsola 5 tal-kuntratt Swell Ltd kellhom javżawhom fi żmien 36 siegħa.*

*Kontro-eżami tal-Perit Grixti Soler fejn b'referenza għal fol. 66 intalab €150 għal ħsarat filwaqt illi a fol. 56 intalab €400 dawn kienu minħabba t-toqob li kien hemm meta tneħħa l-i*scaffolding *u għalkemm it-tieni klawsola tal-kuntratt kien jgħid illi l-*anchor points *kienu r-responsabbilità ta' Swell Ltd, hu wieġeb li dawk tal-ħajt ma jistgħux jintlaħqu jekk jitneħħa l-i*scaffolding *allura kellhom isiru minnhom meta jinqala' l-i*scaffolding*. Mistoqsi jindika fejn kien ċedielu l-€525 li hu naqqas f'Dok. 9 a fol. 66, hu wieġeb li kien ċedihom verbalment. Il-bieb tal-bejt kienu sgassaw ħaddiema tas-soċjetà attriċi meta darba minnhom sabuh magħluq u kellu jġib in-nies imma ma kienx ippreżenta irċevuta. Hu ma kienx rahom jisgassaw il-bieb imma ma kienx hemm kuntratturi oħra. Hu kien oġġezzjona mill-ewwel li ma kinux ħadu l-materjal kollu għax kien jaf illi kien ħa jerġa' jeħel l-ispejjeż tal-krejn. Hu qatt ma ressaq dan l-ilment waqt illi kien qed isir ix-xogħol u lanqas permess ta' email iżda kien tkellem*

*verbalment. Fir-ri-eżami qal illi l-i*scaffolding *kellu jinqasam f'darbtejn, għax ma kellux trakkijiet u t-tieni darba l-association tat-terzi ma ħallihomx itellgħu materjal. Kieku l-materjal inġieb f'darba ma kinitx tinqala' din il-problema. Ix-xogħol intrama f'darbtejn. L-i*scaffolding *kellu jintrama fuq is-saqaf tan-*neighbours *u l-kwistjoni nqalgħet għax ma kienx ġie kollox f'darba.*

*Semgħet it-trattazzjoni.*

*Ikkunsidra;*

*illi mix-xhieda jidher li s-soċjetà konvenuta kienet iffirmat kuntratt mas-soċjetà attriċi għal kiri ta'* scaffolding*. L-i*scaffolding *sar iżda meta ntalab il-ħlas is-soċjetà konvenuta ilmentat illi kien hemm xi ħsarat illi saru meta ntrama l-i*scaffolding *li ammontaw għal €400. Ilmenta ukoll illi l-materjal ma nġiebx kollu f'darba u b'hekk kellu problemi mal-ġirien. Is-soċjetà attriċi ċaħdet dawn l-allegazzjonijiet u fil-fatt qatt ma kien sar xi ilment dwar xi ħsarat qabel intalab il-ħlas u lanqas ma ġew ippreżentati xi dokumenti li jsostnu t-talba għad-danni.*

*Għaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas is-somma ta' elfejn, tmien mija u tnejn u erbgħin euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu €2,842.55, bl-interessi mit-28 ta' Frar, 2020 sad-data tal-ħlas effettiv.*

*L-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri, kif ukoll l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali numru 1904/20 u tal-mandat bin-numru 1307/2020, huma a kariku tas-soċjetà konvenuta."*

## **L-Appell**

9. Is-soċjetà intimata appellat minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell intavolat fit-22 ta' Lulju, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-4 ta' Lulju, 2022, wara li tilqa' l-eċċezzjoni tagħha u tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet tas-soċjetà appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha.

10. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni mogħtija għaliex din mhijiex motivata skont il-liġi; it-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament ġust tal-fatti u tal-provi prodotti; u saħansitra ma

kkunsidrax ir-risposta, il-veraċità tal-provi, u r-raġunijiet u l-argumenti li s-soċjetà appellanta ressqet quddiemu; u t-Tribunal naqas milli jimxi fuq bażi ta' ekwità għaliex meta laqa' t-talba tas-soċjetà appellata, mhux biss approva l-aġir abbużiv tagħha, iżda akkordalha ħlas żejjed ta' tletin jum *overrun* u m'għamel l-ebda riferiment u lanqas ma kkonsidra x-xhieda tas-soċjetà appellanta dwar dan waqt il-kontro-eżami.

11. Is-soċjetà appellanta saħqet li hija m'għandhiex tħallas l-ammont mitlub fl-avviż, għaliex fid-data miftiehma is-soċjetà appellata ttrasportat u kkonsenjat biss parti mill-elementi tal-i*scaffolding* fuq is-sit fejn l-appellanta kellha tagħmel ix-xogħlijiet. Qalet li l-installazzjoni kellha tiġi kkonsenjata u installata fuq il-bejt ta' terzi sabiex tintuża għall-ħajt tal-appoġġ fl-estensjoni tal-bini li għamlet is-soċjetà appellanta fil-proprjetà tagħha. Is-soċjetà appellanta qalet li peress li l-i*scaffolding* ma ġiex ikkonsenjat f'darba, ix-xogħol fuq il-ħajt tal-appoġġ ittardja għaliex kellu jsir f'żewġ fażijiet, bil-konsegwenza li s-soċjetà appellanta sofriet danni konsistenti fl-*overrun* ta' ġranet għall-kiri tal-i*scaffolding,* apparti danni oħra. Is-soċjetà appellanta qalet li minkejja li kienet is-soċjetà appellata li naqset milli tesegwixxi l-obbligi tagħha, din issa qegħda tippretendi li titħallas għal dawn il-ġranet żejda. Is-soċjetà appellanta qalet li kieku l-*equipment* kollu ġie ttrasportat f'konsenja waħda, kif inhi l-prassi u kif miftiehem, din il-problema ma kinitx tinqala'.

12. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li d-deċiżjoni tat-Tribunal mhijiex motivata skont il-liġi. Qalet li l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal fid-deċiżjoni appellata jikkonsistu f'paragrafu wieħed skjett li jagħmel riferiment biss għal danni żgħar li għalihom is-soċjetà appellanta rriservat li tagixxi fi stadju ulterjuri,

u ma jsemmi xejn dwar il-kwistjoni tal-*overrun* tal-ġranet li huwa mertu biss ta' din il-kawża. Is-soċjetà appellanta qalet li l-*overruns* ġew ikkontestati minnha, u għalhekk ladarba t-Tribunal naqas milli jagħmel riferiment għalihom, hemm nuqqas ta' motivazzjoni fid-deċiżjoni kif rikjest mil-liġi.

13. B'riferiment għat-tieni aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta qalet li sabiex ġudikant jasal għal deċiżjoni, dan irid iqis il-provi kollha prodotti, imma fil-każ odjern ma sarx hekk. Qalet li filwaqt li hija mhijiex tistieden lil din il-Qorti tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi miġjuba mill-partijiet quddiem it-Tribunal, minn qari tad-deċiżjoni appellata għandu jirriżulta li dan l-apprezzament ma sarx mit-Tribunal. Qalet li s-sentenza appellata hija biss riproduzzjoni tax-xhieda mingħajr ma ġiet motivata, u din il-leġġerezza da parti tat-Tribunal wasslet għal inġustizzja kbira magħha.

14. Is-soċjetà appellanta qalet li l-ammont pretiż mis-soċjetà appellata huwa għall-*overrun* tal-kiri tal-i*scaffolding* bir-rata ta' €35 kull jum skont il-ftehim tat-18 ta' Settembru, 2019, imma hija ssostni li dan l-ammont mhuwiex dovut għaliex it-tagħmir tal-i*scaffolding* ma ġiex ittrasportat u kkonsensjat f'darba waħda kif kien miftiehem. Qalet li f'*email* mibgħuta mill-Perit Patrick Grixti Soler tad-29 ta' Settembru, 2019, dan informa lil André Camilleri li fit-30 ta' Settembru, 2019 kien ser ikollu krejn għad-dispożizzjoni tiegħu għal tlieta sa erba' sigħat għat-tlugħ tal-materjal kollu meħtieġ fuq is-sit. Qalet li mhux kontestat li s-soċjetà appellata naqset milli tittrasporta l-elementi kollha tal-i*scaffolding* fis-sit miftiehem fil-ġurnata miftiehma, u tgħid li filwaqt li s-soċjetà appellata twaħħal fis-soċjetà appellanta, din ma bagħtet l-ebda *email* lis-soċjetà appellanta sabiex tkopri lilha nnifisha. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li André

Camilleri kien ipprometta li jesebixxi dokumenti oħra sabiex jipprova dak li kien qiegħed jixhed, iżda li s-soċjetà appellata ma ġabet l-ebda prova sabiex tikkontradixxi dak li qalet is-soċjetà appellanta.

15. Is-soċjetà appellanta qalet li mhux ikkontestat li l-i*scaffolding* sabiex isir ix-xogħol fuq il-ħajt diviżorju tal-appoġġ intrema żgur f'darbtejn, u spjegat li l-ħaddiema tagħha kellhom l-ewwel jaħdmu parti, u wara li lestew kellhom jaħdmu t-tieni parti biex jitlestew ix-xogħlijiet. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk is-soċjetà appellata qegħda tapprofitta ruħha meta tippretendi ħlas għal *overrun* ta' tletin ġurnata, u ssuġġeriet li dan sar sabiex is-soċjetà appellata kemm jista' jkun tiġbor ammont viċin dak ikkwotat minnha fl-ewwel stima. Is-soċjetà appellanta qalet li kieku s-soċjetà appellata ttrasportat u kkonsenjat it-tagħmir kollu f'konsenja waħda kif miftiehem, din il-problema ma kinitx tinqala' u l-armar kien isir u jitlesta f'darba, u mhux jiżżarma u jerġa' jiġi armat biex isir f'żewġ stadji. Is-soċjetà appellanta qalet li minkejja li t-Tribunal irrimarka li qatt ma kien hemm xi ilment dwar ħsarat allegatament sofferti minnha qabel intalab il-ħlas, u lanqas ma ġew ippreżentati dokumenti in sostenn tat-talba għad-danni, it-Tribunal ma ntalabx jiddeċiedi dwar dawn id-danni. Is-soċjetà appellanta qalet li hija m'għamlet l-ebda kontro-talba f'dawn il-proċeduri u rriservat li tipproċedi għad-danni fi proċeduri separati, kif fil-fatt ser tagħmel. Qalet li kien dover u obbligu tat-Tribunal li jidħol sew fil-mertu tal-każ u jeżamina l-provi kollha bir-reqqa. Qalet li wara t-Tribunal kellu jiddeċiedi jekk is-soċjetà appellata hijiex intitolata għall-ħlas kollu li tippretendi għall-ġranet kollha tal-*overruns* skont l-*istatement.*

16. B'riferiment għat-tielet aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal naqas ukoll milli jimxi fuq bażi ta' ekwità. Qalet li kieku s-soċjetà appellata ttrasportat it-tagħmir kollu f'konsenja waħda kif miftiehem, din il-problema ma kinitx tinqala'. Qalet ukoll li hija baqgħet disposta li tasal għal ftehim u tħallas parti mis-somma mitluba, u dan minkejja li s-soċjetà appellata kienet hija stess li ma onoratx l-obbligi kuntrattwali tagħha, iżda t-Tribunal xorta waħda akkorda ħlas ta' ammont extra ta' €1,050 rappreżentanti *overrun* ta' tletin ġurnata.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

17. Is-soċjetà appellata ma ressqet l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellanta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

18. Hekk stabbiliti l-fatti li wasslu għall-proċeduri quddiem din il-Qorti, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji sollevati mis-soċjetà appellanta. Għas-serħan il-moħħ tal-partijiet, il-Qorti tibda billi tiddikjara li f'kawżi ta' din ix-xorta, hija tgħarbel il-provi qabel tasal għad-deċiżjoni finali tagħha, mhux biex tissostitwixxi d-diskrezzjoni tat-Tribunal bid-diskrezzjoni tagħha, iżda għaliex f'każ bħal dan, fejn qegħda ssir allegazzjoni li t-Tribunal naqas milli jevalwa l-provi kollha li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, il-Qorti hija fid-dmir li tivverifika jekk dan hux minnu. Hekk biss tista' ssir ġustizzja li qegħdin jistennew minnha il-partijiet.

*L-ewwel aggravju:* *id-deċiżjoni tat-Tribunal mhijiex immotivata*

19. Is-soċjetà appellanta tgħid li d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal hija nieqsa mill-motivazzjoni, u dan kuntrarjament għal dak li tesiġi l-liġi. Saħqet li paragrafu wieħed qasir u skjett ma kienx suffiċjenti biex jindirizza l-kwistjonijiet kollha li tqajmu waqt is-smigħ tal-proċeduri, u semmiet bħala eżempju, il-kwistjoni tal-*overruns,* li t-Tribunal ma indirizzax fid-deċiżjoni tiegħu.

20. Din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li, kif jirriżulta minn qari tad-deċiżjoni appellata, it-Tribunal ikkunsidra l-provi kollha li kellu quddiemu, tant hu hekk li għamel sunt pjuttost dettaljat tagħhom. Lanqas ma jista' jingħad li t-Tribunal naqas milli jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu, għaliex fis-sunt tal-provi dan elenka l-punti saljenti li tqajmu mill-partijiet, u indirizzahom. Dwar il-punt li l-kwistjoni tal-*overruns* qajla ssemmiet fil-parti tal-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal, il-Qorti tqis li fl-atti m'hemmx provi suffiċjenti li jagħtu kredibbilità lid-difiża tas-soċjetà appellanta, li qegħda tallega li m'għandhiex tħallas għall-*overruns* jew għal xi parti minnhom, għaliex il-proġett iddewwem minħabba xi nuqqas tas-soċjetà appellata li twettaq l-obbligi tagħha. Għalhekk din il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *It-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament ġust tal-fatti u tal-provi prodotti*

21. Is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament ġust tal-fatti u tal-provi prodotti, u saħansitra naqas milli jikkonsidra r-risposta tagħha. Il-Qorti m'għandhiex dubju li t-Tribunal għamel evalwazzjoni xierqa tal-

provi u tad-dokumenti kollha miġjuba quddiemu, u fil-fatt fid-deċiżjoni appellata hemm sunt akkurat tal-punti saljenti li jirriżultaw minn dawn il-provi.

22. Mill-provi jirriżulta li fil-*quotation* maħruġa mis-soċjetà appellata fit-18 ta' Settembru, 2019, il-prezz ikkwotat għall-kiri tal-i*scaffolding* huwa ta' €5,428, u dan l-ammont jirrappreżenta ħlas għall-provvista tal-materjal, il-kiri tal-apparat għal żmien ta' tletin ġurnata, iċ-ċertifikazzjoni u t-tneħħija tal-installazzjoni minn fuq is-sit. *Items* oħra li mhumiex inklużi fil-prezz ikkwotat skont din il-fattura, jinkludu *"Overrun exceeding 30 calendar days will be charged at Euro 35.0 per calendar day exclusive of VAT".* L-ispiża tal-*overrun* għalhekk ma setgħetx kienet ikkomputata mal-prezz mogħti fil-*quotation* li qablu dwarha l-partijiet. Mill-*emails* esebiti, jirriżulta li kien hemm żewġ *emails* partikolari mmarkati bħala Dok. 9 u 10 fl-atti tat-Tribunal, fejn André Camilleri għan-nom tas-soċjetà appellata, informa lis-soċjetà appellanta li kienu ser jibdew japplikaw ir-rati tal-*overruns* minħabba d-dewmien li t-tagħmir tħalla fuq is-sit. Hemm ukoll *email* tal-21 ta' Marzu, 2020, fejn il-kwistjoni tal-*overruns* ma ssemmietx, iżda l-Perit Grixti Soler ssemma biss li ħlas ta' €300 huwa aktar minn suffiċjenti biex jitneħħa t-tagħmir li s-soċjetà appellata installat fil-bitħa interna. Ġiet esebita wkoll *email* tas-27 ta' Mejju, 2020, li l-Perit Grixti Soler bagħat lil André Camilleri, fejn dan infurmah li kien dispost iħallas għal erbatax-il ġurnata *overrun* ta' Frar, bil-prezz ta' €25 kull ġurnata. Fl-affidavit tiegħu l-Perit Grixti Soler ikkonċeda li l-ħlas għall-*overrun* maqbul bejn il-partijiet kellu jkun ta' €35 għal kull ġurnata u mhux ta' €25, iżda qal li bejn il-partijiet kien hemm ftehim verbali li ma kienx ser jintalab ħlas tal-*overrun* għax-xahar ta' Marzu. Fl-atti ma nstabet l-ebda prova li kien hemm xi ftehim bħal dan. F'din l-*email*, għall-ewwel darba s-soċjetà appellanta ilmentat minn xi ħsarat sofferti

minnha, u qalet li dawn id-danni jridu jitnaqqsu mit-total pretiż mis-soċjetà appellata. Minkejja li f'din l-*email* il-Perit Grixti Soler ippretenda li s-soċjetà appellata għandha taċċetta tnaqqis mill-ammont pretiż minnha minħabba ħsarat allegatament sofferti minnha, quddiem it-Tribunal ma nġabet l-ebda prova ta' dawn id-danni, u dan kif ġustament ikkonkluda t-Tribunal. Mill-atti ma jirriżulta li nġabet l-ebda prova li s-soċjetà appellata b'xi mod qablet li ma titlobx għall-ispejjeż tal-*overruns* għax-xahar ta' Marzu, jew li saħansitra kien hemm dewmien fil-proġett għaliex it-tagħmir li kellu jitwassal fuq is-sit ma ġiex ikkonsenjat f'darba. Minkejja li s-soċjetà appellanta tikkontendi li dak li kellu jiddeċiedi dwaru t-Tribunal ma kellux jinkludi d-danni sofferti minnha, madanakollu fl-*affidavit* tal-Perit Grixti Soler issemmew xi danni allegatament sofferti mis-soċjetà appellanta, u li għalihom ippretendiet tnaqqis fil-ħlas pretiż mis-soċjetà appellata.

23. Din il-Qorti għalhekk ma tistax tilqa' l-aggravju li qegħda tressaq is-soċjetà appellanta meta tgħid li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-provi jew ir-risposta mressqa minnha. Dan għaliex minkejja li tressqu diversi eċċezzjonijiet mis-soċjetà appellanta, hija naqset milli tissostanzja l-allegazzjonijiet tagħha bil-provi, u l-unika prova fir-rigward huwa l-*affidavit* tal-Perit Grixti Soler, fejn ittenta jispjega għal liema raġuni l-ammont pretiż mis-soċjetà appellanta mhuwiex dovut. Ma nġabet l-ebda prova li b'xi mod kien hemm qbil da parti tas-soċjetà appellata, li l-*overrun* tax-xahar ta' Marzu mhux dovut jew m'għandux jitħallas, jew li kien hemm qbil min-naħa tas-soċjetà appellata li kellha tagħmel tajjeb għal xi danni reklamati mis-soċjetà appellanta. Lanqas ma jirriżulta li s-soċjetà appellanta b'xi mod ressqet prova tad-danni li hija allegatament ġarrbet, u għandu jingħad li kien biss wara li saru diversi talbiet

għall-ħlas mis-soċjetà appellata, li s-soċjetà appellanta wieġbet li hija kienet ġarrbet xi danni għaliex is-soċjetà appellata kienet naqset li twettaq l-obbligi tagħha, u għalhekk ma kinitx disposta li tħallas l-ammont sħiħ mitlub mis-soċjetà appellata. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju: nuqqas ta' ekwità*

24. Is-soċjetà appellanta ssostni li t-Tribunal naqas milli jimxi skont il-prinċipji tal-ekwità, u approva l-aġir abbużiv tas-soċjetà appellata billi akkordalha ħlas żejjed għal terminu ta' tletin jum *overrun,* meta kienet is-soċjetà appellata li naqset milli tosserva l-obbligu li tikkonsenja t-tagħmir li kellu jiġi installat f'darba waħda, u meta kien dan in-nuqqas li wassal għall-*overruns* li qegħdin jintalbu.

25. Għar-raġunijiet spjegati diġà, din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-pożizzjoni. Fl-ewwel lok mill-korrispondenza kollha li għaddiet bejn il-partijiet u li tinsab esebita fl-atti, ma jirriżultax li bejn il-partijiet kien hemm xi kwistjoni rigward id-dewmien għaliex is-soċjetà appellata naqset milli tikkonsenja t-tagħmir kollu li kellu jiġi installat f'darba waħda. Barra minn hekk, fl-*email* tas-27 ta' Mejju, 2020 li ntbagħtet mill-Perit Grixti Soler lil André Camilleri, kien hemm akkwiexxenza li jsir il-ħlas ta' almenu parti mill-perijodu tal-*overruns,* għalkemm f'din il-korrispondenza l-Perit Grixti Soler qal li l-ħlas kellu jkun ta' €25 u mhux ta' €35 għal kull ġurnata. Il-Qorti, wara li qieset l-atti fl-intier tagħhom u l-konklużjonijiet li wasal għalihom it-Tribunal, tqis li lanqas dan l-aggravju m'huwa ġustifikat u m'għandux jiġi milqugħ, għaliex ma jirriżultalhiex li t-

Tribunal naqas milli japplika l-prinċipju tal-ekwità. It-Tribunal iddeċieda abbażi tad-dokumenti u tal-provi li kellu quddiemu, u ma kien hemm l-ebda konklużjoni oħra li dan seta' jasal għaliha abbażi tal-provi prodotti.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**